MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-3 ta' Awwissu, 2012

Citazzjoni Numru. 687/2012

**Carmel Joseph Farrugia**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-9 ta’ Lulju 2012 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

Illi l-esponent mar sabiex iġedded l-passaport tiegħu, iżda ġie mgħarraf li ma setax jottjeni tali tiġdid bl-isem ta’ “Carmel Joseph Farrugia” peress illi l-isem mogħti u l-isem li għandu jiġi msejjaħ bih skont iċ-ċertifikat ta’ twelid (liema estratt qed jiġi anness bħala Dok CJ1 u CJ2) huwa dak ta’ Carmelo Joseph Farrugia”.

Illi l-esponenti ilu sa minn meta jiftakar, prattikament matul ħajtu kollha, jiġi msejjaħ u magħruf bħala "Carmel Joseph" u dan anki kif jirriżulta mid-dokumenti kollha li qed jiġu annessi bħal karta tal-identita' (Dok CJ3), Passaport (Dok CJ4), Passaport maħruġ fis-sena 1993 (Dok CJ5), Passaport maħruġ fis-sena 2002 (Dok CJ6), kont maħruġ mill-Water Services Coporation (Dok CJ7), kont maħruġ mill-GO plc (Dok CJ8), kont miżmum mal-HSBC Bank Malta plc (Dok CJ9), kont miżmum mal-Mditteranean Bank (CJ10), ċertifikat tat-twelid tal-iben minuri tal-esponent (Dok CJ11) ċertifikat tat-twelid tal-iben minuri tal-esponenti (Dok CJ12), kont maħruġ mill-Awtorita' tat-Trasport u komunikazzjoni (Dok CJ13), kont maħruġ mic-CVA (Dok CJ14), ċertifikat l-assikurazzjoi (Dok CJ15), kart'anzjan (Dok CJ16).

In vista ta' dan il-fatt l-esponenti jqis illi ladarba dan ilu konsistentement imsejjaħ bħala "Carmel Joseph" matul ħajtu kollha u mhux bl-isem indikat fl-att ta' twelid tiegħu huwa opportun illi jsir il-bdil relattiv *ai termini* tal-Artikolu 253 (2) tal-Kodiċi Ċivili.

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara li l-isem li l-esponent ilu magħruf bih, konsistement tul ħajtu kollha hu dak ta' "Carmel Joseph" u mhux "Carmelo Joseph" *ai termini* tal-Artikolu 253 (2) tal-Kodiċi.

2. Tordna sabiex jiġi effettwat il-bdil relattiv dwar l-isem tar-rikorrent minn "Carmelo Joseph" għal "Carmel Joseph" b'dan illi tali bdil jiġi effetwat fl-Att tat-Twelid tiegħu bin-numru ta' iskrizzjoni elf, seba' mija u erbgħin tas-sena elf disa' mija u tnejn u ħamsin (1740/1952) kemm taħt il-kolonna ta' ismijiet mogħtijin kif ukoll taħt il-kolonna tal-isem li għandu jiġi msejjaħ bih u jekk jirriżulta f'kull att ieħor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat inġunt in subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fid-19 ta' Lulju 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi *in linea* preliminari jingħad illi huwa meħtieġ li tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

3. Illi it-tieni parti tat-tieni talba attur hija insostenibbli. Fl-ewwel lok għaliex l-intimat huwa kompetenti biss fir-rigward tal-atti ċivili u mhux l-atti kollha tal-ħajja tal-istat ċivili tar-rikorrenti. Fit-tieni lok għaliex skont l-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha tispeċifika n-numru u s-sena tal-atti tal-istat ċivili li hija qiegħda tagħmel riferenza għalihom;

4. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien missier ir-rikorrent stess, Walter Joseph Farrugia, li kien għamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid *de quo* u kienu anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat id-digriet tagħha li permezz tiegħu l-kawża ġiet mismugħa bl-urġenza;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tal-20 ta' Lulju 2012 fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attrici fir-rigward hija evidentement ġustifikata billi ismu kellu jinkiteb "**Carmel Joseph**". Pero' jidher ċar li l-konvenut ma jaħtix għall-iżball u għalhekk m'għandux ibati spejjeż. It-tielet eċċezzjoni hija wkoll ġustifikata għaliex ma ġewx indikati l-atti li l-attur irid isewwi.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-ewwel talba attriċi; tilqa' wkoll it-tieni talba *eccetto* r-rikjesta biex isir bdil ukoll f' kull att ieħor relattiv jew sussegwenti, u dan minħabba r-raġuni hawn fuq indikata.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-attur stess.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------